# ATTI NOTARILI TA' XANDRU FARRUGIA DWAR L-ISTATWA TAL-MARBUT



*Kitba tal-Kan. Joe Abela, H.E.L; Lic.D.*

**Il-Marbut attribwit lil Xandru**

Mindu kont għadni tifel dejjem smajthom jgħidu li l-istatwa ta' Ġesù Marbut mal-Kolonna fiż-Żejtun hi xogħol fl-injam ta' l-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia u li hi waħda mill-aħjar, jekk mhux l-aħjar waħda, statwi simili li jeżistu f'Malta. Veru wkoll li kittieba ta' l-Istorja tas-seklu XIX, bħal Castagna, attribwew din l-istatwa lil Mastru Xandru. Iżda l-istoriċi qatt ma jikkonvinċu ruħhom jekk ma jiflux sewwa d-dokumenti kontemporanji maż-żmien li huma jkunu qegħdin jistudjaw. U wieħed mill-perikli li huma joqogħdu ħafna attenti għalih hu "x'qalu n-nies minn dejjem"!

**Importanza storika tas-sejba**

Is-sajf li għadda, waqt li kont qiegħed nagħmel riċerka għal studju dwar l-istatwi tal-Kunċizzjoni ta' Xandru Farrugia, kelli xorti li ltqajt ma' l-Atti Notarili li saru bejn Xandru Farrugia u l-Prokuratur tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun, atti li bihom Mastru Xandru ntrabat li jaħdem l-Istatwa tal-Marbut u s-somma ta' flus li rċieva bħala ħlas għax-xogħol tiegħu. Kien biss wara din l-iskoperta li għamilt, li jien ikkonvinċejt ruħi li hu veru li Xandru Farrugia ħadem l-Istatwa tal-Marbut li aħna ż-Żwieten, u ħafna barranin magħna, ingawdu u nammiraw kull sena fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Iż-żewġ atti notarili saru fiż-Żejtun stess għand in-Nutar Feliciano Giardina, li għamel ħafna xogħol notarili fl-ewwel nofs tas-seklu XIX.

**Informazzjoni li toħroġ mill-Atti**

Minn dawn il-kuntratti nitgħallmu li:

1. Xandru ma damx aktar minn 4 xhur biex ħadem l-istatwa. Fit-2 t'Ottubru, 1844, sar l-ewwel kuntratt, li bih Xandru ntrabat li jibda x-xogħol fuq l-istatwa. Fil-31 ta' Jannar, 1845, wara li x-xogħol kien sar, sar it-tieni kuntratt meta Xandru rċieva l-ħlas dovut lilu.
2. Il-Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira li ordna l-istatwa għand Xandru kien ċertu Wiġi Zammit.
3. L-istatwa qamet 67 skud u 6 tari. Il-ħlas sar f'muniti tal-fidda.
4. Xandru kellu jagħmel l-istatwa tixbah lil dik ta' Bormla.
5. Il-Prokuratur insista ma' Xandru li l-istatwa tkun ta' l-injam.
6. Parti (20 skud) mis-somma tħallset bil-quddiem.

**L-Ewwel Kuntratt: L-Ordni ta' l-Istatwa: 2 t'Ottubru, 1844**

*Obligatio pro Aloisio Zammit v. Alexandro Farrugia.*

*A di due ottobre dell'anno mille oto cento quaranta quattro, cioè 1844.*

*Personalmente costituito in presenza di Noi Notaio e Testimoni infrascritti il Maestro Scultore Alessandro Farrugia, figlio di Giuseppe di qesta Terra Zeitun, da me Notaio conosciuto di buon animo, promise e promette si è obligato e l-obligo verso Luigi Zammit del M'Angelo, di detta Terra Zeitun da Not. anche conosciuto presente, intervenendeo come Procuratore della Cassa delli Ss.mi Misteri della Passione di Nostro Signore, eretta nella Chiesa Parr. di detta Terra Zeitun, accettando, la Statua di Nostro Signore Gesù Cristo legato alla Colonna, simile ed uniforme a quella già esistente nella Chiesa Parr.le della Città Cospicua adatta alla processione la prima settimana di Quaresima dell'anno futuro 1845 quale deve essere di legno ad eccezione della bradella, la quale da fornirsi dal medesimo Zammit, e non altrimenti.*

*A riguardo di detta obligazione il sudetto Zammit provederà di buon animo ed accettando, la somma di Scudi Sessanta Sette e Tari Sei di moneta dalli quli il detto Farrugia, di buon animo dice e confessa d'aver avuto e ricevuto dal detto Zammit Scudi Venti in denaro contato, e non altrimenti I restanti scudi quaranta sette e tari sei di detti 667.6 il med.o Zammit provederà di buon animo e promette di pagare al detto Farrugia subito che Farrugia consegnerà la detta statua. Fatto nella Terra Zeitun in presenza del M. R. Sacerdote Sign. Don Francesco Ellul, e Gio. Andrea Caruana del M'Angelo, di Detta Terra Zeitun.*

S'intendi il-kuntratt jagħlaq bil-firem ta' kulħadd, inklużi ż-żewġ xhieda, fosthom wieħed li kien qassis.

**It-tieni Kuntratt: Xandru jitħallas: 31 ta' Jannar, 1845**

*Apoca pro Aloisio Zammit v. Alexandro Farrugia.*

*A di trentauno gennaio dell'anno mille otto cento quaranta cinque, cioè 1845.*

*Personalmente costituto in presenza di Noi Notaio e Testimoni infrascritti, Maestro Alessandro Farrugia, figlio di Giuseppe, di questa Terra Zeitn, da me Notaio conosciuto, di buon animo, ha avuto e ricvuto da Luigi Zammit del M'Angelo, di detta Terra Zeitun, anchè conosciuto presente, e da questo pagando Scudi Quaranta sette, e Tari sei per Saldo in moneta d'argento.*

*E sono detti Scudi Quarant sette e Tari sei saldo e compimento di Scudi 67.6 prezzo della Vara di N.S. Gesù Cristo legato alla Colonna da detto Farrugia fatta al detto Zammit, e da questo ricevuta a sua piena sodisfazione, in vigor di contratto stupulato in atti miei li Ottobre ultimo scorso*

*Fatto in Malta nella Terra Zeitun in presenza del Rev. Sacersote Sign. Don Franceso Ellul, e Salvatore Bugeja del fù Gaetano, di questa Terra Zeitun.*

Bħas-soltu l-kuntratt jagħlaq bil-firem ta' dawk kollha nvoluti fih. Ninnotaw li Dun Franġisk Ellul jidher bħala xhud fiż-żewġ kuntratti, filwaqt li x-xhud l-ieħor jinbidel.